Mary Mizzi	0179565M	Blokk S No 3 Trejqet il-Qronfol	Mtarfa	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb Category I - Procesing, manufacturing and sale of food products and beverages	05.02.07	Street Hawker
Adrian Farrugia	0380388M	Site No. 10 Xatt is-Sajjieda	M'Xlokk	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	19.01.07	Market Hawker
Antoine Micallef	0197284M	Tonyann, 123 Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru	Naxxar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	31.01.07	Street Hawker
Josef Grech	0456986M	66 Triq Wenzu Gafa'	Qormi	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb Category I - Procesing, manufacturing and sale of food products and beverages	08.02.07	Street Hawker
Charlo` Calleja	0146184M	Warda Fil-Gnien, 30 Triq L-Ghoxrin Ta' Jannar	Qormi	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb Category I - Procesing, manufacturing and sale of food products and beverages	24.01.07	Market Hawker
Josef Grech	0456986M	66 Triq Wenzu Gafa'	Qormi	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb Category I - Procesing, manufacturing and sale of food products and beverages	21.02.07	Market Hawker
Leonardo Ciappara	0662382M	3 Triq il-Karrijiet	Rabat	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb Category I - Procesing, manufacturing and sale of food products and beverages	22.02.07	Street Hawker
Jacqueline Abela	0615463M	Medina Crt, 16 Fl 3 Triq it-Torri L-Ahmar	Rabat	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	14.12.06	Market Hawker
Guido Spiteri	0817252M	11 Triq Zammit Clapp	San Giljan	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	12.01.07	Street Hawker
Guido Spiteri	0817252M	11 Triq Zammit Clapp	San Giljan	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	15.01.07	Market Hawker

Peter Paul Aquilina	0319160M	Petlinpaul, 246 Triq Mons. Mikiel Azzopardi	Siggiewi	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb Category I - Procesing, manufacturing and sale of	15.01.07	Street Hawker
Alan Debattista	0302282M	Site Triq il-Merkanti	Valletta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	26.01.07	Market Hawker
Mary Grace Brincau	0540582M	Site No. 106 Triq il-Merkanti	Valletta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	24.01.07	Market Hawker
Clare Zammit	0463477M	Site No. 48 Triq il-Merkanti	Valletta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	13.02.07	Market Hawker
Bouchra Agius Jounaid	0024607A	Site No. 104 Triq il-Merkanti	Valletta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	09.08.06	Market Hawker
Benna Cassar	0023840G	Site No. 36 Pjazza L-Indipendenza	Victoria	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	31.01.07	Market Hawker
Horace Attard	0475971M	Shalom, 42 Triq Sant'Antnin	Zabbar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	12.01.07	Market Hawker
Nathalie Mifsud	0063577M	Marnat, Triq A. Caligari 64	Zabbar	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb	22.02.07	Market Hawker
Raymond Costa	0082958M	Triq il-Pellegrinag Tar-Roti	Zabbar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	13.02.07	Market Hawker
Adrian Bongailas	0211284M	Sacred Heart, 4 Misrah Tal-Madonna Mediatrici	Zabbar	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb	19.02.07	Street Hawker
Emanuel Scicluna	0701756M	Lourdes Triq in-Nissieg	Zabbar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	22.02.07	Street Hawker
Philip Borg	0244766M	Meravilja Triq San Rokku	Zebbug, Malta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	17.01.07	Street Hawker
Charles Mifsud	0242584M	Farmhouse Tal-Gharbi Triq L-Imdina	Zebbug, Malta	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb	23.01.07	Street Hawker
Carmelo Cassar	0512387M	72 Triq ic-Combini	Zurrieq	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut Category III - Wholesale and retail	07.02.07	Market Hawker

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 27

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-hinijiet indikati.

Valletta

Nhar is-Sibt il-31 ta' Marzu, 2007, mill-10.00 a.m. 'il quddiem mix-Xatt ta' Pinto ħdejn l-Awtorità Marittima ta' Malta, ir-*Roundabout* ta' Liesse u l-parkeġġ ta' taħt il-lift.

Nhar il-Ġimgħa s-6 ta' April 2007 mis-2.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Sant' Ursola, San Kristofru, Merkanti, Melita, San Pawl u San Ġwann.

It-30 ta' Marzu, 2007

POLICE NOTICE

No. 27

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Valletta

On Saturday 31st March, 2007, from 10.00 a.m. onwards from Pinto Wharf near the Malta Maritime Authority, Liesse Roundabout and the parking area under the lift.

On Friday 6th April 2007, from 2.00 p.m. onwards through the following streets: Sant' Ursola, San Kristofru, Merkanti, Melita, San Pawl and San Ġwann.

30th March, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 13 ta' l-2007

Tqattigħ ta' Trinek għal Tqegħid ta' Cable bejn Manoel Island u Tigné

Il-Korporazzjoni Enemalta se tinstalla *power cable* taħt l-ilma bejn Manoel Island u Tignè kif muri fiċ-*chart* imsemmija hawn taħt.

Parti mix-xogħol jikkonsisti fi tqattigħ ta' trinka 35 metru 'l hinn mit-truf taż-żewġ ixtut. Dan ix-xogħol qed jitwettaq minn għaddasa megħjuna mid-dgħajsa għal dax-xogħol. Id-dgħajsa se jkollha fuqha d-dwal u l-forom meħtieġa skond ir-Regolament 27(b) tar-Regolamenti Internazzjonali ta' l-1983 biex jiġu skansati Kolliżjonijiet fuq il-Baħar.

Ix-xogħlijiet se jitwettqu bejn iż-żewġ ponot li ġejjin:

	Latitude (N) *Latitude (N)*	Longitude (E) *Longitude (E)*
Point X	35°54.258'	14°30.435'
Point Y	35°54.258'	14°30.435'

Ix-xogħlijiet se jibdew nhar it-Tnejn, 9 ta' April, 2007.

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 13 of 2007

Trenching for Cable laying between Manoel Island and Tigné

Enemalta Corporation will be installing a submarine power cable between Manoel Island and Tigné as indicated on undermentioned chart.

Part of this job consists of trenching within 35 meters off the shore ends on both sides. This job will be carried out by divers with the assistance of a work boat. The boat will display the lights and shapes required under Rule 27 (b) of the International Regulations for Preventing Collisions at Sea, 1983.

The works will be carried out between the following two points:

The works will commence on Monday, 9th April 2007.

Minħabba dan ta' hawn fuq, baħħara li jkunu deħlin u ħerġin minn Daħlet Tas-Sliema fil-Port ta' Marsamxett għandhom ibaħħru b'kawtela u bil-mod ħafna meta jkunu fil-viċinanza ta' l-inħawi msemmija.

Chart affettwata: BA 177.

Wieħed jista' jara parti miċ-*chart* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

It-30 ta' Marzu, 2007

In view of the above mariners navigating in and out of Sliema creek in Marsamxett Harbour are to navigate with caution and at very slow speed when in the vicinity of the above area.

Chart affected: BA 177.

Part of chart can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

30th March, 2007

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)

	2007
Jannar	108.58
Frar	108.86

Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–

Oġġetti	*Jannar 2007*	*Frar 2007*	*Effett fuq l-Indiċi*
Ikel			
Ħaxix	125.57	107.22	-0.19
Ħwejjeġ			
Ħwejjeġ ta' l-irġiel	76.83	81.75	0.07
Ħwejjeġ tan-nisa	59.93	65.10	0.10
Ħwejjeġ tal-bniet	73.25	78.38	0.05
Trasport u Komunikazzjoni			
Servizz ta' trasport bl-ajru	99.18	100.76	0.08

It-30 ta' Marzu, 2007

RETAIL PRICES INDEX

All Items (Dec - 2002 = 100)

	2007
January	108.58
February	108.86

Items causing most change:–

Items	*January 2007*	*February 2007*	*Effect on Index*
Food			
Vegetables	125.57	107.22	-0.19
Clothing			
Men's outwear	76.83	81.75	0.07
Women's outwear	59.93	65.10	0.10
Girls' outwear	73.25	78.38	0.05
Transport and Communication			
Air transport services	99.18	100.76	0.08

30th March, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Radiographer (Diagnostic)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Radiographer (Diagnostic)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1 Il-post ta' *Radiographer (Diagnostic)* għandu salarju ta' Lm5,136 (€11,963.66) fis-sena, li jiżdied b'Lm152 (€354.06) fis-sena sa massimu ta' Lm6,048 (€14,088.05) (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* tiġi promossa fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* Anzjan fi Skala ta' Salarju 10 (Lm5,782 (€13,468.44) x Lm175 (€407.64) - Lm6,832 (€15,914.28)) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* li għandha xi *degree* rikonoxxuta fir-Radjografija titqiegħed fi Skala ta' Salarju 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala ta' Salarju 9 (Lm6,135 (€14,290.71) x Lm192 (€447.24) - Lm7,287 (€16,974.14)) meta tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* gradwat. Persuna fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* Anzjan wara sentejn servizz fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' *Radiographer (Diagnostic)* jinkludu:

a) provvediment ta' servizzi tar-radjografija f'taqsima jew *unit* tad-Dipartiment tar-Radjoloġija;

b) responsabbiltà għat-tħaddim xieraq u effiċjenti tat-tagħmir kollu użat u tat-tindif tiegħu;

ċ) responsabbiltà u direzzjoni tal-ħila ta' l-istudent *Radiographers* u ta' *non professional assistants* oħra;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Radiographer (Diagnostic) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the posts of Radiographer (Diagnostic) in the Health Division.

2.1 The post of Radiographer (Diagnostic) carries a salary of Lm5,136 (€11,963.66) per annum, rising by annual increments of Lm152 (€354.06) up to a maximum of Lm6,048 (€14,088.05) (Salary Scale 12). A Radiographer (Diagnostic) will be promoted to the grade of Senior Radiographer (Diagnostic) in Salary Scale No. 10 (Lm5,782 (€13,468.44 x Lm175 (€407.64) - Lm6,832 (€15,914.28)) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. A Radiographer (Diagnostic) in possession of a recognised degree in Radiography will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Radiographer (Diagnostic) will progress to Salary Scale 9 (Lm6,135 (€14,290.71) x Lm192 (€447.24) - Lm7,287 (€16,974.14)) on completion of two years service as graduate Radiographer (Diagnostic). A graduate Radiographer (Diagnostic) will be promoted to Senior Radiographer (Diagnostic) on completion of two years service in the grade of Radiographer (Diagnostic), subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Radiographer (Diagnostic) include:

a) provision of radiography services in a section or unit of the Radiology Department;

b) responsibility for proper and efficient operation and cleanliness of all equipment used;

c) responsibility for and direction of the efforts of student radiographers and other non professional assistants;

d) tagħmel użu mis-sistema ta' teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Personnel,* Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. Il-persuna magħżula tkun meħtieġa taħdem fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol bil-lejl skond *rosters* stabbiliti fid-Diviżjoni.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terż, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Radiographer (Diagnostic)* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

d) Making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. The selected candidate will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Division.

6. Applicants must:-

(i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration as Radiographer (Diagnostic) with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li se jiggradwaw fir-Radjografija fis-sena 2007 bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 6(a), (b) u (d). Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu juru ċ-Ċertifikat ta' registrazzjoni indikat f'paragrafu 6(ċ) qabel ma jingħataw il-ħatra.

7.2. L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu offruti ħatra biss wara li tkun ġiet eżawrita l-lista ta' l-applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew mill-intervista skond paragrafu 6 dejjem jekk ikun għad baqa' postijiet vakanti.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

7.1. Applications will also be considered from candidates who will be graduating in Radiography in the year 2007 provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 6(a), (b) and (d). If selected, such candidates must produce the Certificate of registration indicated in paragraph 6(c) before appointment.

7.2. Successful applicants under this paragraph will be offered an appointment only after the list of successful applicants under paragraph 6 has been exhausted, provided vacancies are available.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

10.3. Avviż dwar il-ħrug tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mil-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' April 2007.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' April 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-30 ta' Marzu, 2007

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. The selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 27th April 2007.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 27th April 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 - 21226285 and +356 - 21235890.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

30th March, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Dental Hygienist* fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet biex jimtlew postijiet ta' *Dental Hygienist* fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2.1 Il-post ta' *Dental Hygienist* għandu salarju ta' Lm5,136 (€11,963.66) fis-sena, li jiżdied b'Lm152 (€354.06) fis-sena sa massimu ta' Lm6,048 (€14,088.05) (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' *Dental Hygienist* tiġi promossa fil-grad ta' *Dental Hygienist* Anzjan fi Skala 10 Lm5,782 (€13,468.44) x Lm175 (€407.64) - Lm6,832 (€15,914.28) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Dental Hygienist* li għandha xi *degree* rikonoxxuta fid-*Dental Hygiene* titqieghed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta' tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Dental Hygienist* gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala 9 Lm6,135 (€14,290.71) x Lm192 (€447.24) – Lm7,287 (€16,974.14) meta' tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Dental Hygienist* gradwata. Persuna fil-grad ta' *Dental Hygienist* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Dental Hygienist* Anzjan wara sentejn servizz fil-grad ta' *Dental Hygienist* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfacenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet li jkunu stipolati fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-Union kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Dental Hygienist* jinkludu:

a) Xogħol li għandu x'jaqsam ma' proċeduri ta' iġjene dentali bħat-tneħħija ta' tartru minn mas-snien u lustrar tas-snien;

b) L-edukazzjoni tal-pazjenti dwar il-prevenzjoni tal-mard tal-ħalq;

ċ) L-applikar ta' *preventive agents* fuq is-snien;

d) Kontribut lejn ix-xogħol kliniku ġenerali tad-*dental surgeon* fil-programm totali tal-kura tas-snien tal-pazjenti;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Dental Hygienist Within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care.

The Public Service Commission invites applications for the filling of posts of Dental Hygienist in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care.

2.1 The post of Dental Hygienist carries a salary of Lm5,136 (€11,963.66) per annum, rising by annual increments of Lm152 (€354.06) up to a maximum of Lm6,048 (€14,088.05) (Salary Scale 12). A Dental Hygienist will be promoted to the grade of Senior Dental Hygienist in Salary Scale 10 Lm5,782 (€13,468.44) x Lm175 (€407.64) - Lm6,832 (€15,914.28) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. A Dental Hygienist in possession of a recognised degree in Dental Hygiene will be placed in Salary Scale No. 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate *Dental Hygienist* will progress to Salary Scale 9 Lm6,135 (€14,290.71) x Lm192 (€447.24) – Lm7,287 (€16,974.14) on completion of two years service as graduate Dental Hygienist. A graduate Dental Hygienist will be promoted to Senior Dental Hygienist on completion of two years service in the grade of Dental Hygienist, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry of Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Dental Hygienist include:

a) Performing dental hygiene procedures such as the removal of dental calculus and polishing of teeth;

b) Educating the patient in prevention of oral disease;

c) Applying preventive agents to tooth surface;

d) Contributing to the overall clinical performance of the dental surgeon in the total dental care programme of patients;

e) tagħmel użu mis-sistemi ta' teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mill-*Personnel Section*, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Dental Hygienist* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil

e) Making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member Stateġ

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration as Dental Hygienist with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable

raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

8.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

8.3. Avviz dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Johroġ ukoll avviż fil-media lokali.

8.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi

accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

7.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

7.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

8.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be

fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-publikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mil-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' April 2007.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofs in-nhar ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' April 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill- applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-30 ta' Marzu, 2007

submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following *websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

11. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 27th April 2007.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 27th April 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

30th March, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Catering Manager* fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Catering Manager* fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2.1. Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Catering Manager* fid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Catering Manager* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Catering Manager in the Department of the Elderly and Community Care within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the position of Catering Manager in the Department for the Elderly and Community Care.

2.1. The selected candidate will enter into a three (3) year contract as Catering Manager in the Department for the Elderly and Community Care. Unsatisfactory performance as Catering Manager during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħha mad-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità kif ukoll mal-Gvern jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

3.1. Is-salarju għal din il-pożizzjoni jkun ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju Nru. 7 (bħalissa Lm8,316 (€19,371.07) fis-sena).

3.2. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

